**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Settembru 2011 — Pereira Sequeira vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-65/06)** [1]

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Ħatra — Kompetizzjoni interna ppubblikata qabel l-1 ta' Mejju 2004 — Aġent temporanju mniżżel fil-lista ta' kandidati xierqa qabel l-1 ta' Mejju 2006 — Klassifikazzjoni fil-grad — Artikolu 5(4) u Artikolu 12(3) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Allowance segretarjali — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)***

(2011/C 340/76)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Rosa Maria Pereira Sequeira (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment T. Bontinck u J. Feld, avukati, sussegwentement T. Bontinck u S. Woog, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti)

**Suġġett**

Annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, innotifikata lir-rikorrenti fid-19 ta' Settembru 2005, li permezz tagħha din tal-aħħar, aġent temporanju u kandidata li għaddiet mill-kompetizzjoni interna COM/PC/04, kienet ġiet maħtura uffiċjal fil-grad C*1, skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud*

(2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

[1] ĠU C 165, 15.07.06, p. 36.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Settembru 2011 — Kyriazi vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-66/06)** [1]

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Ħatra — Kompetizzjoni interna ppubblikata qabel l-1 ta' Mejju 2004 — Membru tal-persunal temporanju mniżżel fil-lista tal-kandidati xierqa qabel l-1 ta' Mejju 2006 — Klassifikazzjoni fil-grad — Artikolu 5(4) u Artikolu 12(3) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Allowance segretarjali — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)***

(2011/C 340/77)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Kalliopi Kyriazi (Clabecq, il-Belġju) (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: irrappreżentata inizjalment minn C. Berardis-Kayser u K. Herrmann, sussegwentement minn K. Herrmann u H. Krämer, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: irrappreżentata inizjalment minn M. Arpio Santacruz u I. Šulce, aġenti, sussegwentment minn M. Bauer, J. Monteiro u K. Zieleśkiewicz, aġenti)

**Suġġett tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni tat-12 ta' Settembru 2005 li taħtar lir-rikorrenti uffiċjal bi prova bi klassifikazzjoni fil-grad C*1, skala 2, u kull att sussegwenti u/jew relattiv, bħad-deċiżjoni li jitneħħa u li ma jingħatax mill-ġdid l-allowance segretarjali wara l-ħatra tagħha bħala uffiċjal permanenti

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *K. Kyriazi u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

(3) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, intervenjent, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

[1] ĠU C 178, 29.07.2006, p. 43.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-27 ta' Settembru 2011 — Lübking et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-105/06)** [1]

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Struttura ġdida tal-karrieri — Karriera itwal minħabba l-introduzzjoni ta' gradi ġodda li ma għandhomx ekwivalenti fir-Regolamenti tal-Persunal l-antiki — Applikazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal u tad-DĠI li japplikaw mill-2005 — Prinċipju ta' trattament ugwali — Effett retroattiv tad-deċiżjonijiet ta' promozzjoni għal data qabel l-1 ta' Mejju 2004 — Miżuri tranżitorji — Rikors li għandu manifestament jiġi miċħud)***

(2011/C 340/78)

*Lingwa tal-kawża:il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Johannes Lübking *et* (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: B. Cortese u C. Cortese, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Berscheid, aġenti)

*Intervenjent insostenn tal-konvenuta:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment M. Simm u B. Driessen, sussegewentement M. Bauer, J Monteiro u K. Zieleśkiewicz, aġenti)